



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

---

**2012/2097 (INI)**

18.12.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv  
(2012/2097(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bernd Lange

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota b'interess li l-Kummissjoni bdiet tinkludi referenzi għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE; huwa tal-fehma li, meta jitqies ir-rwol ewlieni tal-korporazzjonijiet, is-sussidjarji tagħhom u l-ktajjen ta' provvista tagħhom fil-kummerè internazzjonali, ir-responsabbiltà soċjali u ambjentali korporattiva għandha ssir parti integrali tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti konkreti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-politika kummerċjali;
2. Jimpenja ruħu li jżid l-isforzi tiegħu b'mod kontinwu sabiex l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali tal-UE, inkluż ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, ikollhom l-obbligu jinfurzew l-istandards soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet u l-azzjonijiet esterni kollha tal-UE;
3. Jenfasizza li l-promozzjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva huwa objettiv appoġġat mill-Unjoni Ewropea, u li għalhekk l-Unjoni għandha tiżgura li l-politiki esterni li timplimenta jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp soċjali tal-pajjiżi kkonċernati;
4. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, fit-tfassil ta' proposti konkreti għall-applikazzjoni ta' prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, tibbaża fuq il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, inkluża l-proċedura ta' lmenti tal-OECD;
5. Ifaħħar lill-istati membri kollha tal-OECD għall-ħidma komprensiva tagħhom fuq il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, ippubblikati fil-25 ta' Mejju 2011; jinnota li 44 gvern aderenti, li jirrappreżentaw ir-reġjuni kollha tad-dinja u li jikkostitwixxu 85 % tal-investment barrani dirett, iħeġġu lill-intrapriżi tagħhom jirrispettaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet estensivi għal imġiba kummerċjali responsabbli kull fejn dawn joperaw;
6. Jaqbel li l-imperattivi ambjentali u klimatiċi attwali u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-produzzjoni globali jesiġu kopertura usa' tal-kunċett tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva milli kien previst meta l-kunċett ġie definit għall-ewwel darba; għalhekk iqis li hu neċessarju li jiġi elaborat kunċett aġġornat tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, li jikkonċerna d-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem u l-kwistjonijiet tal-impjiegi, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali, il-preokkupazzjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima u l-evitar tal-korruzzjoni u l-evazzjoni tat-taxxa;
7. Jappella sabiex il-kumpaniji Ewropej kollha li joperaw f'pajjiżi terzi u li jimpjegaw aktar minn 1 000 persuna jkunu obbligati japplikaw il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali mill-1 ta' Jannar 2014;
8. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi klawsola vinkolanti dwar ir-Responsabbiltà Soċjali

Korporattiva fil-ftehimiet bilaterali kummerċjali u ta' investiment kollha ffirmati mill-UE, abbażi tal-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva kif definiti fil-livell internazzjonali, b'enfasi fuq l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba u b'attenzjoni ċara fuq id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol deċenti, l-istandards tax-xogħol, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv u kunsiderazzjonijiet soċjali oħrajn, b'mod partikolari l-aġġornament tal-2010 tal-Linji Gwida tal-OECD; jissuġġerixxi li din il-klawsola għandha tarmonizza l-istandards u l-kunċetti eżistenti sabiex jiġu żgurati l-komparabilità u s-sens ta' ġustizzja, u tkun tinkludi miżuri għall-monitoraġġ ta' dawn il-prinċipji fil-livell tal-UE u għall-implimentazzjoni tagħha, u li jitwaqqfu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali bħala forums għall-mistoqsijiet dwar il-kwistjonijiet li jitqajmu fil-Linji Gwida tal-OECD, bħarrekwizit li jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tal-kumpaniji u s-sussidjarji tagħhom u l-ktajjen ta' provvista, u r-rekwiżit li tiġi applikata diliġenza dovuta;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kumpaniji kollha li joperaw fis-suq uniku, inklużi dawk il-korporazzjonijiet transnazzjonali li s-sussidjarji jew il-ktajjen ta' provvista tagħhom jinsabu fl-UE, jikkonformaw mal-obbligi legali kollha tagħhom kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-konsumaturi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv imġiba kummerċjali responsabbli fost kumpaniji tal-UE li joperaw barra minn pajjiżhom, b'enfasi speċjali fuq l-iżgurar ta' konformità stretta mal-obbligi legali kollha tagħhom li joriġinaw jew mil-liġijiet nazzjonali jew minn kwalunkwe obbligu legali bilaterali jew internazzjonali li l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom huma suġġetti għalihom, mhux l-inqas il-konformità mal-istandards u r-regoli internazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol u l-ambjent; jissuġġerixxi għal dan il-għan li l-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab tagħha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'dawk emerġenti għall-iskambju tal-aqwa Prattiki u ta' għarfien dwar modi u mezzi kif jittejjeb l-ambjent kummerċjali u titqajjem kuxjenza dwar imġiba kummerċjali responsabbli;
10. Jissuġġerixxi li l-gvernijiet tal-Istati Membri jistiednu lill-BEI jinkludi klawsola dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fl-operazzjonijiet tiegħu;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi proċedura aktar miftuħa u ċara għat-tressiq u l-eżami ta' lmenti relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, inklużi mekkaniżmi ta' infurzar, u tniedi investigazzjonijiet fejn ikun meħtieġ;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-kumpaniji japplikaw ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; jenfasizza l-hteġa li t-tixrid ta' dawn il-prattiki jiġi mħeġġeġ u appoġġat fost l-SMEs filwaqt li jiġu limitati l-ispejjeż u l-burokrazija;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi klawsola dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fi ftehimiet ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs), partikolarment f'każijiet fejn dawn ikunu relatati ma' attivitajiet ta' żvilupp;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-miżuri bbażati fuq inċentivi b'mod aktar effikaċi u biex tkun aktar attenta fil-monitoraġġ u fl-iżgurar li l-korporazzjonijiet transnazzjonali li s-sussidjarji jew il-ktajjen ta' provvista tagħhom jinsabu f'pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-GSP u l-GSP+, għandhomx jew le l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-Unjoni Ewropea, kif

ukoll il-pajjiżi kkonċernati a) jikkonformaw mal-obbligi legali nazzjonali u internazzjonali tagħhom fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards soċjali u tax-xogħol u r-regoli ambjentali, b) juru impenn ġenwin fir-rigward tad-drittijiet, il-protezzjoni u l-benessri tal-ħaddiema tagħhom u taċ-ċittadini b'mod ġenerali, c) jiddefendu l-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet ta' negozjar kollettiv, u d) jittrattaw kwalunkwe ksur b'mod rapidu u effikaċi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva f'forums multilaterali billi tappoġġa kooperazzjoni msaħħa bejn id-WTO u forums multilaterali oħra li jittrattaw ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, bħall-ILO u l-OECD;
16. Ifakkar li għas-soluzzjoni ta' tilwim kummerċjali u/jew it-talba ta' kumpens għal esternalitajiet negattivi ta' attività kummerċjali irresponsabbli jew illegali, diġà jeżistu kemm ir-rikorsi fil-qrati kif ukoll alternattivi għar-rikorsi fil-qrati; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tiegħu aktar inizjattivi sabiex iżżid l-għarfien dwar iż-żewġ alternattivi kemm fost il-komunità kummerċjali kif ukoll il-pubbliku b'mod ġenerali; ifakkar li l-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (KIK) tippovdi servizzi ta' soluzzjoni tat-tilwim għal individwi, negozji, stati, entitajiet statali u organizzazzjonijiet internazzjonali li jfittxu alternattivi għal rikorsi fil-qorti, liema alternattivi jistgħu jikkontribwixxu biex itejbu l-aċċess effikaċi għall-ġustizzja għall-vittmi f'każ ta' ksur ta' prattiki kummerċjali responsabbli li jikkawżaw danni ekonomiċi, soċjali u ambjentali fl-UE u/jew barra minnha;
17. Jitlob li jkun hemm monitoraġġ ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet, bojkotts, embargos), kif ukoll skemi ta' liċenzji għal oġġetti b'użu doppju, fil-livell tal-UE;
18. Jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li permezz tagħhom il-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva ikollhom jiġu rispettati mhux biss mill-kumpanija ewlenija jew mill-appaltatur prinċipali li jibbenefika minn ftehim kummerċjali, iżda wkoll minn kwalunkwe subappaltatur jew katina ta' provvista li jistgħu jutilizzaw, sew jekk fil-provvista ta' oġġetti, ħaddiema jew servizzi, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni bbażati fuq salarji ġusti u kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti, u jiġu garantiti d-drittijiet u l-libertajiet trejdjunjonistiċi;
19. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-mudell tagħha ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sostenibilità, sabiex dan jirrifletti sew l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, tan-negozjati kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għall-ftehimiet kummerċjali mal-pajjiżi sħab tal-UE billi twettaq, qabel u wara l-iffirmar ta' ftehim kummerċjali, studji ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sostenibilità, filwaqt li tqis b'mod partikolari s-setturi vulnerabbli;
20. Jenfasizza li wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament għandu jinżamm infurmat bis-sħiħ dwar kif ir-riżultati tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt fir-rigward tas-Sostenibilità (SIA) tal-ftehimiet jiġu inkorporati fin-negozjati ta' qabel il-konklużjoni tagħhom u dwar liema kapitoli ta' dawn il-ftehimiet ikunu nbidlu bil-għan li jiġu evitati impatti negattivi identifikati f'dawn il-valutazzjonijiet;
21. Jitlob li tiġi stabbilita sistema ta' kooperazzjoni legali transnazzjonali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi firmatarji ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali sabiex jiġi żgurat aċċess effikaċi għall-

ġustizzja fil-pajjiż fejn ikun twettaq il-ksur għall-vittmi ta' ksur ta' liġijiet soċjali jew ambjentali, jew ta' nuqqas ta' osservanza ta' impenji fil-qasam tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva min-naħa ta' multinazzjonali jew is-sussidjarji immedjati tagħhom, kif ukoll bħala appoġġ għall-istabbiliment ta' proċeduri ġudizzjarji internazzjonali sabiex ikun żgurat, fejn xieraq, għoti ta' kastig fil-każ ta' ksur tal-liġi min-naħa ta' kumpaniji;

22. Jitlob l-iżvilupp ta' standards ta' trasparenza u responsabilità aktar effikaċi għall-kumpaniji teknoloġiċi tal-UE involuti fl-esportazzjoni ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw sabiex jiksru id-drittijiet tal-bniedem jew jaġixxu kontra l-interess tas-sigurtà tal-UE;
23. Jistieden lis-SEAE jiżgura li l-uffiċjali tal-UE fil-qasam tal-kummerċ, jekk ikunu bbażati f'ambaxxati tal-UE, jingħataw taħriġ regolari dwar kwistjonijiet b'rabta mar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Qafas tan-NU 'Protezzjoni, Rispett u Rimedju' u li l-ambaxxati tal-UE jaġixxu bħala punti ta' kuntatt tal-UE għal ilmenti li jikkonċernaw kumpaniji tal-UE u s-sussidjarji tagħhom, billi l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-OECD jinsabu biss f'pajjiżi aderenti mal-OECD u għaldaqstant fil-prattika, mhumiex aċċessibbli għal impjegati ta' kumpaniji bħal dawn ibbażati f'pajjiżi li mhumiex OECD;
24. Jappella li l-valutazzjonijiet tal-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq id-drittijiet tal-bniedem isiru kemm jista' jkun kmieni possibbli fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp, u jitlob sabiex tali valutazzjonijiet ikunu jinkludu studji ta' xenarji u kunsiderazzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' standards sabiex jiġu inkorporati d-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil (id-Drittijiet tal-Bniedem fit-Tfassil);
25. Jenfasizza li s-sensibilizzazzjoni fil-livell korporattiv dwar l-importanza tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità, bħala kompit u għall-Kummissjoni, għandhom ikunu akkumpanjati minn sensibilizzazzjoni u tisħiħ xieraq tal-kapaċitajiet fil-livell tal-gvernijiet tal-pajjiżi ospitanti, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tad-drittijiet tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u l-aċċess għall-ġustizzja;
26. Jitlob li jiġi implimentat il-prinċipju "kun af l-utent aħħari tiegħek" biex jiġi żgurat aktar skrutinju u biex jiġi evitat ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħ fi stadji tal-bidu jew dawk sussegwenti fil-ktajjen ta' provvista u fil-flussi tal-produzzjoni jew tas-swieq;
27. Jenfasizza li trattati bilaterali futuri dwar l-investment iffirmati mill-UE għandhom jiżguraw li jinstab bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jitħarsu l-investituri u l-ħtieġa li jkun previst intervent mill-istat, b'mod partikolari b'rabta mal-istandards soċjali, tas-saħħa u dawk ambjentali;
28. Jieħu nota tal-passi pożittivi li saru fir-riforma attwali tad-Direttiva dwar it-Trasparenza (2004/109/KE) u d-Direttiva dwar il-Kontabilità (2003/51/KE) sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva filwaqt li jinstab bilanċ bejn it-tiftix leġittimu għat-trasparenza u r-responsabbiltà u l-impenn ta' rappurtar min-naħa tal-kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kumpaniji li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn id-Direttivi jkunu obbligati jirrapportaw regolarment dwar l-attivitajiet ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tagħhom, f'konformità mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Kumpaniji Multinazzjonali, filwaqt li jiġu żgurati arranġamenti speċjali għall-SMEs sabiex ir-

rappurtar ikun possibbli kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll dak amministrattiv;

29. Jenfasizza li d-dimensjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandha tiġi inkorporata fil-ftehimiet kummerċjali multilaterali u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa proposti f'dak ir-rigward kemm fil-fora internazzjonali, b'mod partikolari fl-OECD u fl-ILO, kif ukoll fid-WTO fil-kuntest ta' wara Doha;
30. Jappella sabiex miżuri futuri b'rabta mar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva jinkludu l-katina tal-valur kollha, mill-estrazzjoni tal-materja prima, għall-kummerċ u r-riċiklaġġ;
31. Jitlob li l-politiki tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva jiġu inklużi fil-livelli kollha tal-ftehimiet kummerċjali mal-UE, u jkunu jinkludu dispożizzjonijiet biex tiġi estiża l-protezzjoni għall-ħaddiema migranti, tal-aġenziji u dawk ipostjati;
32. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-kumpaniji tal-UE jieħdu inizzjattivi immirati li jippromwovu r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u jiskambjaw Prattiki tajba mas-sħab tagħhom f'pajjiż oħra;
33. Jitlob li l-politiki fil-qasam tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u d-drittijiet tax-xogħol u trejdjunjonistiċi fundamentali, bħad-dritt għall-privatezza u l-libertà ta' assoċjazzjoni, jiġu rispettati mill-kumpaniji tal-UE fl-operazzjonijiet kollha tagħhom, sew jekk ikunu bbażati fl-UE u sew jekk f'pajjiżi terzi;
34. Jitlob li jkun hemm konsultazzjoni sħiħa u attiva u involviment tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, inklużi t-trejdjunjins, fl-iżvilupp, l-operazzjoni u l-monitoraġġ tal-proċessi u l-istrutturi tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tal-kumpaniji; jistieden lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' din ix-xorta sabiex jaħdmu ma' min iħaddem b'approċċ ġenwin ta' sħubija;
35. Jitlob li jiżdied il-monitoraġġ tal-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-politika kummerċjali tal-UE u li jkun aktar inklużiv u trasparenti, b'punti ta' riferiment ċari biex jitkejjel it-titjib bl-għan li titħeġġeġ il-fiduċja fis-sistema;
36. Jinnota li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva hija mekkaniżmu li tippermetti lil min iħaddem jappoġġa l-ħaddiema tiegħu u l-komunitajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li r-rispett għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u għall-istandards tax-xogħol jippermettu lil dawn il-pajjiżi jibbenefikaw minn aktar kummerċ internazzjonali, u li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tista' tiżgura li l-gwadann jinqasam b'mod ekwu għall-iżvilupp ta' prosperità ekonomika u soċjali sostenibbli u sabiex aktar persuni jinqalgħu mill-faqar, speċjalment fi żmien ta' kriżi finanzjarja; jiddispjaċih li l-protokollu għal intervent soċjali attwalment huma biss volontarji u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmilhom vinkolanti;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.12.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 2 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	William (The Earl of) Dartmouth, Maria Badia i Cutchet, Nora Berra, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, George Sabin Cutaş, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Franziska Keller, Vital Moreira, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Henri Weber, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Salvatore Iacolino, Silvana Koch-Mehrin, Maria Eleni Koppa, Katarína Neveďalová, Marietje Schaake
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Norbert Neuser, Birgit Schnieber-Jastram, Derek Vaughan